### Motivi u argumenti prinċipali

1) Żball fid-dritt, nuqqas ta' investigazzjoni preliminari u nuqqas ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88 ([1]), kif emendat

L-intervent li twettaq mill-appellanti u li kien iffinanzjat mill-FESR kien ta' natura uniformi, kif ikkonfermat kemm mit-test tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 1986, li permezz tagħha kienet ġiet awtorizzata l-għajnuna li hija s-suġġett tal-kawża u kif ukoll mill-kliem użat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4254/88 (iktar 'il quddiem l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2083/93 ([2]), kif emendat).

Minn dan isegwi, għaldaqstant, li l-intervent in kwistjoni ma setgħax, kif b'mod żbaljat ikkunsidrat il-Qorti tal-Prim'Istanza, jinqasam f'diversi porzjonijiet funzjonali; u li għalhekk is-sopensjoni għal raġunijiet ġudizzjarji anki ta' parti waħda biss ta' l-imsemmi intervent, peress li effettwat iż-żmien ta' twettiq ta' dan ta' l-aħħar, kienet timponi li l-benefiċċju introdott mill-imsemmi Artikolu 12 jiġi pprorogat għall-proġett kollu ffinanzjat permezz tad-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 1986.

2) Żball fid-dritt, nuqqas ta' investigazzjoni preliminari u nuqqas ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 1986

Bil-kontra ta' dak li ġie ddikjarat fis-sentenza kkontestata, fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-Ente per le Ville Vesuviane kien ipprova, permezz ta' dokumenti, li x-xogħolijiet li kienu għaddejja fuq il-Villa Ruggiero (waħda mit-tliet Villel li kienu s-suġġett ta' l-intervent iffinanzjat permezz tad-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 1986) kienu ġew sospiżi għal raġunijiet ġudizzjarji b'effett mill-1989 sa' l-1996 u għalhekk ma kinux intemmew, kif kien ġie ddikjarat mill-Awtoritajiet Statali Taljani fl-1992.

F'dan il-kuntest, għalhekk, kif diġà ġie espost quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-parteċipazzjoni ta' l-Ente fil-proċedura preliminari għall-adozzjoni tal-miżura kkontestata fl-ewwel istanza kienet, mingħajr l-ebda dubju, tkun determinanti peress li l-Kummissjoni, fid-dawl tad-dokumenti ta' prova msemmija hawn fuq — li l-appellant mingħajr ebda dubju kien jipprovdi, jekk ikun meħtieġ — u fid-dawl tan-natura uniformi ta' l-intervent imwettaq minn dan ta' l-aħħar, kienet mingħajr ebda dubju tirrikonoxxi li l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88 kif emendat kienet applikabbli għall-intervent *de quo*, mingħajr l-ebda possibbiltà li l-finanzjament awtorizzat fl-1986 jiġi mitmum antiċipatament.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ĠU L 374, p. 15.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2083/93 ta' l-20 ta' Lulju 1993 li jemenda r-Regolament Nru 4254/88, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

## Rikors imressaq fid-9 ta' Ottubru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-457/07)**

(2007/C 297/47)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u P. Andrade, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— tiddikjara li r-Repubblika Portugiża naqset milli teżegwixxi s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) ta' l-10 ta' Novembru 2005, mogħtija fil-kawża C-432/03, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Portugiża;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tħallas penali ta' EUR 37 400 kuljum sakemm ma tikkonformax ruħha mas-sentenza;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tħallas multa ta' EUR 5 280 kuljum, li tibda tiddekorri mill-10 ta' Novembru 2005, data tas-sentenza li stabbilixxiet il-ksur, sal-ġurnata ta' meta r-Repubblika Portugiża tkun ikkonformat ruħha mas-sentenza, jew sakemm tittieħed deċiżjoni skond l-Artikolu 228 KE;

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tqis li r-Repubblika Portugiża qegħda tirrestrinġi l-aċċess għas-suq intern billi titlob ċertifikazzjoni minn qabel ta' materjal tal-kostruzzjoni ġdid li għalih ma jeżistu ebda speċifikazzjonijiet tekniċi u lanqas rikonoxximent reċiproku, sabiex taċċerta ruħha li dan il-materjal ikun adegwat għal ċertu użu. Ir-Repubblika Portugiża qegħda ukoll tirrestrinġi l-aċċess għas-suq intern billi ma tirrikonixxix l-ekwivalenza ta' ċertifikati maħruġa minn Stati Membri oħra, f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjal ġdid li għalih ma jeżistu ebda speċifikazzjonijiet tekniċi, fejn dan ir-rikonoxximent intalab minn operaturi ekonomiċi minbarra l-fabbrikant jew il-mandatarju tiegħu.

Il-leġiżlazzoni Portugiża ma tippreċiżax il-kriterji li għandhom jiġu applikati mill-amministrazzjoni, fil-każ ta' applikazzjonijiet ta' approvazzjoni, sabiex jiġu evitati deċiżjonijiet arbitrarji. Fin-nuqqas ta' speċifikazzjonijiet tekniċi, il-liġi Portugiża tipprevedi kriterji li għandhom jiġu applikati f'deċiżjonijiet dwar rikonoxximent, li m'humiex oġġettivi u li huma diskriminatorji.

Ir-Repubblika Portugiża tkompli tastjeni milli tieħu dawk il-miżuri li kellha tieħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-operaturi ekonomiċi kontra minn applikat liġi bi ksur ta' l-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat KE.

---

## Rikors imressaq fl-10 ta' Ottubru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

**(Kawża C-458/07)**

(2007/C 297/48)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Andrade u G. Braun, bħala aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— tiddeċiedi li, billi m'assiguratx li ta' l-anqas direttorju wieħed komprensiv u ta' l-anqas direttorju komprensiv tat-telefon tas-servizzi ta' konsultazzjoni jkunu disponibbli, fil-prattika, għall-utenti finali kollha, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 25(1) u (3) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/22/KE tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ([1]), ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva, u

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża tbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Fil-Portugall, l-abbonati tal-Vodafone li wrew ir-rieda li isimhom jidher fid-direttorju tas-servizz universali baqgħu ma jidhrux fih.

L-awtorità regolatorja, l'ANACOM, qatt ma ddeċidiet fuq il-format u l-metodi biex twassal l-informazzjoni in kwistjoni. Is-sitwazzjoni legali preżenti taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istat Portugiż.

([1]) ĠU L 108, p. 51.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Graz (L-Awstrija) fid-9 ta' Ottubru 2007 — Veli Elshani vs Hauptzollamt Linz

**(Kawża C-459/07)**

(2007/C 297/49)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Graz

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Veli Elshani

*Konvenut:* Hauptzollamt Linz

### Domandi preliminari

1. Fid-dawl tal-fatt li l-ipoteżi ta' estinzjoni prevista fil-punt (d) ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 233 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([1]), tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (iktar 'il quddiem il-"kodiċi doganali") ma tirreferix għal mument li fih id-dejn doganali jkun ġie inkors, iżda għal perijodu ta' wara li fih id-dejn doganali jkun ġie inkors, billi din tippreżupponi li dejn doganali jkun ġie "inkors" fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 202 tal-Kodiċi Doganali.

   Il-kliem "ma' l-introduzzjoni kontra l-ligi" fis-sens tal-punt (d) ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 233 tal-kodiċi doganali għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   — l-introduzzjoni, fit-territorju doganali tal-Komunità, ta' merkanzija li għaliha dejn doganali jkun ġie inkors skond l-Artikolu 202 tal-kodiċi doganali jiġi estint ma' l-introduzzjoni tiegħhu fl-uffiċċju tad-dwana tal-fruntiera jew f'kull post ieħor stabbilit mill-awtoritajiet doganali, iżda mhux iktar tard minn meta din il-merkanzija titlaq mill-post fejn jinsab l-uffiċċju tal-fruntiera jew minn dak il-post stabbilit, għax b'hekk il-merkanzija tkun daħlet fit-territorju doganali, b'mod illi l-qbid u l-konfiska tal-merkanzija wara dan il-mument ma jkollux bħala effett l-estinzjoni ta' l-obbligu doganali,

   jew fis-sens li

   — l-introduzzjoni, fit-territorju doganali tal-Komunità, ta' merkanzija li għaliha dejn doganali jkun ġie inkors skond l-Artikolu 202 tal-kodiċi doganali, tkompli skond perspettiva ekonomika sakemm ikompli t-trasport tagħha, bħala proċess uniformi li jirrigwarda l-introduzzjoni tal-merkanzija fit-territorju doganali, li jkompli wkoll sakemm il-merkanzija ma tilħaq l-ewwel post tagħha ta' destinazjoni u tieqaf hemm, b'mod illi qbid u konfiska tal-merkanzija jkollhom ukoll bħala effett, sa dak il-mument, li jġib fit-tmiem id-dejn doganali?

---